# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Arikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta**

## Magistrat
## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**V**

**MARTIN LEE**

**Seduta ta' llum, 9 ta' Settembru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARTIN LEE** ta' erbgha w ghoxrin sena, bin Joseph u Valerie nee Molloi, imwieled Pieta` nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Novembru, 1977 u residenti Colonial Flats, Flat 2, Triq l-Ursolini, Pieta, detentur tal-karta tal-identita numru 11878M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar is-sebgha u ghoxrin ta’ Gunju, 2002 u fil-jiem ta' qabel matul il-gurnata xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe video recorder kif wkoll satellite receiver li l-

valur taghhom jeccedu l-mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin liema oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkollbarra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jmexxihom.

Il-Qorti semghet l-ammissjoni tal-imputat meta sar l-interrogatorju skond l-artikolu 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fis-seduta tas-sitta ta' Settembruu, 2002 kif del resto jirrizulta minn ezami tal-istess verbal.  Dan sar sabiex jigi segwit skrupolozament il-procedura korretta kif prevista f’kaz ta’ ammissjoni fl-artikolu 392 A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ghalhekk qabel ma ghaddiet biex taghti sentenza, kif kellha kull obbligu taghmel, semghet il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza fuq il-piena u dan wara li ma hassitx il-htiega li tisma lin-nies li

bieghu s-satellite disc u video recorder lil imputat peress li skond informazzjoni moghtija lilha mill-Ufficjal Prosekutur l-istess nies kienu ser ikunu rinfaccati bi proceduri kriminali u ghalhekk ghandhom kull dritt ma jixhdux f'dawn il-proceduri peress li jistghu jinkriminaw ruhhom.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur jghid li l-imputat kkopera bis-shih maghha sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe mill-mument tat-tehid tal-istqarrija rilaxxjata fis-sebgha w ghoxrin ta' Lulju, 2002 esibita fl-atti a fol 10 et seq u li l-istess Ufficjal Prosekutur jghid li llum il-gurnata li l-oggetti li gew ricettati mill-imputat gew ritornati lil sidhom.

Illi l-Qorti rinfaccjata b'ammissjoni da parti tal-imputat, hija ukoll sodisfatta li kien l-imputat li kkommetta r-reat ta' ricettazzjoni.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat u minn ezami tal-istess jirrizulta illi l-imputat ghandu kondotta tajba salv ghall-kontravenzjoni wahda dwar l-ordinanza tat-traffiku kommessa fl-1998

meta gie kkundannat amenda ta' ghaxar liri maltin u ghaldaqstant il-Qoreti thoss li ghandha tikkonsidrah bhala a first time offender.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment Arikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Ghaldaqstant wara li tiddikjara li qed issib lill-imputat MARTIN LEE hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu, qed tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin lira maltin.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u l-atti processwali jintbaghtu lill-Avukat Generali in linea ma dak li jiddisponi l-artikolu 401 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

Illum, 9 ta' Settembru 2002